MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Rikors Numru. 12/2001/1

Rikors 12/2001DM

Champalin Company Limited u l- Baruni Igino Trapani Galea Feriol, f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' hutu Emilie Trapani Galea, Dorothy Trapani Galea, Nathalie armla ta' Antoine Herbert Bianchi, u Marlene Frances mart Herbert Edgar Huber

Vs

John Azzopardi

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn esponew illi:

Ir-rikorrenti jippossiedu in proprjeta, indivizament bejniethom, ir-raba imsejha “Ta’ Bordin” fil-limiti ta’ bejn iz-Zebbug u s-Siggiewi konsistenti f’madwar hamsa u erbghin punt sitta wiehed tmiem (45.61T) cioe’ cirka wiehed u hamsin elf, mitejn u sebgha u tmenin metri kwadri (51,287m2)

Dina r-raba, li fiha razzett qadim kif ukoll sebat ibjar, tmiss tramuntana ma Nazzereno Tanti u Carmelo Vella, Punent ma beni ta’ familja Trapani Galea u minn nofsinhar ma beni ta’ John Aquilina, jew irjieh verjuri.

Dina r-raba tinsab imqabbla lill-intimat John Azzopardi ghas-somma ta’ tletin lira (Lm30) fis-sena biss, ghall-art kollha.

Dina r-raba jixirqilha qbiela wisq akbar fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, izda l-inkwilin qed jirrifjuta li joffri iktar minn mitt lira (Lm100) fis-sena, u dan bil-kondizzjoni li l-esponenti jirrikonoxxu liz-zewg uliedu Charles Azzopardi u Rita Caruana, - kif jidher mill-ittra tal-avukat taghhom anness mar-rikors u ezibita bhala Dok A.

Oltre dan, meta Charles Cassar bhala direttur tar-rikorrent Champalin Company Limited kien mar biex jispezzjona l-art in kwistjoni fl-epoka li kien akkwista b’xiri seba u ghoxrin minn tnejn u tletin parti (27/32), wiehed minn ulied l-inkwilin, cioe’ Charles Azzopardi, kien cempillu u heddu u wissiegh biex ma jersaqx izjed l’hinn.

U talbu:

Sabiex, prevja kull accertament mehtieg dan il-Bord

1) Jirrevedi l-Qbiela relattiva ghal ammont xieraq skond il-ligi u skond il-prassi tal-istimar korrenti, kif ukoll
2) Jordna lill-intimat sabiex jisgura li r-rikorrenti, jew minn minnhom, ikunu imhollija liberi sabiex minn zmien ghal zmien jispezzjonaw ir-raba u l-bini u l-amenitajiet tal-

istess art, minghajr xkiel jew oggezzjoni ta' hadd, basta javzaw bil-quddiem bil-miktub.

Bl-ispejjez, komprizi dawk legali u gudizzjarji li saru s'issa inkluza l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 2001, u dawk li ikollhom isiru f'dina l-procedura

Ra r-risposta tal-intimat fejn eccepixxa illi :

1 Preliminarjament ir-rikorrent Igino Trapani Galea Feriol ghandu jaghti prova tal-prokura li jghid li ghandu ta' whud mir-rikorrenti;

2 Minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, ir-rikors huwa irritwali peress li ma giex prezentat fit-terminu stipulat fl-Artikolu 3 tal-Kap 199;

3 It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ma jezistux ir-ragunijiet kontemplat mill-ligi sabiex jigu ntrodotti kondizzjonijiet godda;

4 F'kull kaz ukoll, il-proposta li kienet saret mill-esponent saret minghajr pregudizzju ghalhekk din qatt ma tista' titqies bhala accettazzjoni ta' kondizzjonijiet godda;

5 Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra l-verbal tat-8 t' Ottubru 2002 fejn ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba, l-intimat iddikjara illi s-sidien huma mistiedna li jispezzjonaw il-proprjeta' taghhom bil-liberta kollha salv li jinghata pre avviz ta' tlett (3) tijem.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra r-rapport tal-membri teknici;

Ra l-atti kollha tal-procediment;

Semgha lill-avukati; u

Ikkunsidra

Illi b'nota tas-16 t'April tas-sena 2002 ir-rikorrenti Baruni Igino Trapani Galea Feriol ipprezenta kopja legali tal-prokuri relaxxjati lilhu minn hutu in adempiment ta' dak mitlub mill-intimat bl-ewwel eccezzjoni tieghu u ghalhekk il-Bord jastjeni milli jiehu konjezzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel eccezzjoni.

Oltre dan, bil-verbal tat-8 t'Ottubru tas-sena 2002, l-intimat irrinunzja ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati bir-risposta tieghu wara li r-rikorrenti accettaw l-offerta tieghu ta' (3) tlett tijiem pre avviz ghall-ispezzjoni tal-proprjeta imqabbla u l-istess intimat irrimetta ruhu ghar-rapport tal-membri teknici fir-rigward ta' talba tar-rikorrenti dwar ir-revizjoni tal-qbiela.

Mir-rapport tal-membri teknici, hawn anness bhala parti integrali ta' din is-sentenza , jirrizulta li l-qbiela xieraq ghal razzett u raba mqabbel huwa ta' Lm180 (mija u tmenin lira Maltin) fis-sena u ghaldaqstant il-Bord qed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-qbiela xieraq tal-fond in kwistjoni fis-somma ta' Lm180 (mija u tmenin lira Maltin) fis-sena li ghandhom jithallsu kull 15 t'Awissu ta' kull sena b'lura b'effett mis-16 t'Awissu tas-sena 2001, u jordna li s-sidien rikorrenti jew rappresentanti taghhom, ikollhom id-dritt li, minghajr xkiel, jaccedu fir-razzett u r-raba mqabbel, f'kull zmien b'inhar salv preavviz bil-miktub lill-intimat ta' almenu tlett (3) tijiem qabel l-access.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------